Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 100/2016

Il-Pulizja

Vs

George Attard

Illum 26 ta' Ottubru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant George Attard detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 14556 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-23 t' Awwisu, 2015 ghal habta ta' l-22:00 hrs, gewwa Triq Sant' Elena, Sliema;

Ingurjajt, jew heddidt lil PS157 B. Mifsud u lil PC 1084 S Sammut, jew ghamilt offiz fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzaghhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-25 ta' Frar, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu izda, bl-applikazzjoni tal-artikolu 22, Kap 446 illiberatu bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sena u tikkundannah ghal hlas ta' Multa ta' €800.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputat George Attard, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-7 ta' Marzu, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza appellata, u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena; sussidjarjament/alternattivament, u biss f'kaz li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-aggravji tal-appellant dwar is-sejbien ta' htija u ghalhekk tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward tas-sejbien tal-htija, l-appellant jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-piena nflitta u tirriduci l-istess ghal wahda aktar miti u idoneja fid-dawl tac-cirkostanzi u n-natura tal-kaz kif hawn fuq spjegati.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant George Attard huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti.

1) **L-ewwel Qorti ingustament ipprivat lill-appellant milli jgib prova indispensabbli li kienet ammissibbli skont il-ligi.**

Illi waqt is-seduta tal-25 ta' Frar 2016, l-appellant talab sabiex jixhed David Attard u jispjega dak kollu li gara fit-23 ta' Awissu 2015 madanakollu l-prosekuzzjoni, <u>wara li kienet hi stess li sejhet lill-appellant u lil David Attard sabiex jidhlu fl-awla fl-istess hin</u>, oggezzjonat ghal din il-prova. L-oggezzjoni tal-prosekuzzjoni giet ibbazata fuq il-fatt li x-xhud kien prezenti fl-awla waqt is-smiegh ta' dina l-kawza.

Illi l-artikolu 641 tal-Kodici Kriminali li specifikatament jirregola l-materja partikolari hawn trattata jipprovdi dan li gej :-

*"Bhala regola, kull min ikun prezenti fil-qorti waqt is-smigh ta' kawza, ma jistax jingieb bhala xhud f'dik il-kawza."*

Dan l-artikolu mbaghad ikompli hekk :-

*"Izda, il-qorti tista' fid-diskrezzjoni taghha ma toqghodx ghal din ir-regola f'kazijiet specjali, meta jidhrilha li hemm raguni bizzejjed biex taghmel hekk."*

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti tal-Appell Kriminali (Onor. Imhallef Antonio Mizzi) fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2015, appell kriminali numru 533/2012 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Saviour Balzan u Mark Anthony Vella inghad hekk :-

*Ghalhekk, jirrizulta kjarament li xhud li jkun prezenti fl-awla ma hux bhala tali xhud mandatorjament inammissibbli izda l-Qorti ghandha diskrezzjoni li tammettih fic-cirkostanzi previsti fil-proviso tal-artikolu msemmi. L-ewwel Qorti, izda, jidher li fehmet li la darba x-xhud kien prezenti fl-Awla waqt is-smiegh tal-kawza allura dan kellu jigi dikjarat inamissibli. Tant hu hekk li l-ewwel Qorti, minghajr ma ghamlet l-ebda riferenza ghal dak provdut fl-artikolu 642 imsemmi, semplicement laqghet it-talba tad-difiza li l-unika motivazzjoni taghha kienet li x-xhud kienet inammissibbli.*

*Din il-Qorti, izda, hi tal-fehma li f'dan il-kaz kienu verament jezistu cirkostanzi specjali li jintitolaw lill-Qorti ma toqghodx ghar-regola msemmija u cioe' li x-xhud ma tkunx tista tingieb.*

Illi fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2015 il-prosekuzzjoni talbet differiment sabiex tharrek lil Rita Bonello bl-intendiment illi tikkorrobora dak illi xehdu l-ufficcjali tal-Pulizija permezz tal-affidavit taghhom. Id-difiza m'oggezzjonatx ghal dan tant illi l-kawza giet differita tal-25 ta' Frar 2016.

Illi fis-seduta tal-25 ta' Frar 2016 minkejja li kien mistenni li x-xhud Rita Bonello tikkonferma li l-appellant verament ghajjar lill-ufficcjali tal-Pulizija bil-kliem *'bastids'* ix-xhud ma semmiet xejn min dan u minflok xehdet li hi semghet lill-appellant jghajjar lill-ufficcjali tal-Pulizija bi kliem li l-istess tal-ufficcjali tal-Pulizija ma ndikaw xejn fl-affidavit taghhom.

Illi wara li xehdet l-imsemmija Rita Bonello, xehed l-appellant li cahad b'mod kategoriku li hu f'xi hin ingurja, hedded, ghajjar jew fixkel lill-pulizija, izda hu sempliciment talab sabiex jiehu l-vettura tieghu li kienet ghada ma gietx mghobbija fuq it-*tow truck*. In sostenn ta' dak li xehed l-appellant, kien ghalhekk imiss lix-xhud illi jikkonferma bil-gurament tieghu x'gara ezattament fid-data inkriminata u jixhed dwar dak li l-appellant qal lill-ufficcjali tal-Pulizija u *vice-versa*.

Illi minkejja dan, kif gja inghad, il-prosekuzzjoni wara li kienet hi stess li sejhet lil David Attard sabiex jidhol fl-awla hekk kif giet imsejha l-kawza tal-appellant, opponiet ghad-depozizzjoni ta' dan ix-xhud. Hu fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja u **d-dmir tal-prosekuzzjoni** li tressaq il-provi quddiem il-Qorti, kemm dawk kontra l-akkuzat u kif ukoll favur, izda mhux li tipprova tiskarta u telimina provi detrimentali sabiex issir gustizza mac-cittadin, kif jidher li sar fil-kaz in dizamina.

Illi zgur ma jistax jinghad illi l-prosekuzzjoni ma kinitx konsapevoli tal-fatt illi David Attard hu xhud principali f'din il-kawza billi kienu l-ufficcjali tal-Pulizija stess li talbuh id-dettalji fid-data inkriminata.

Illi ghalhekk l-ewwel Onorabbli Qorti f'dan il-kaz naqset milli tezercita d-diskrezzjoni taghha skont il-proviso tal-artikolu 641 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk :-

> *"Izda, il-qorti tista' fid-diskrezzjoni taghha ma toqghodx ghal din ir-regola f'kazijiet specjali, meta jidhrilha li hemm raguni bizzejjed biex taghmel hekk."*

2) **Illi kien hemm lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-appellant ghal smiegh xieraq u lezjoni tad-dritt tieghu ta' difiza.**

Illi l-provi tal-prosekuzzjoni huma konsistenti fix-xhieda ta' PC 1084 u PS 157 moghtija permezz ta' affidavit u x-xhieda moghtija minn Rita Bonello. L-appellant gie notifikat bl-akkuza odjerna flimkien mal-affidavit ta' Pc 1084 konsistenti f'**zewg pagni** u l-affidavit ta' PS 157 konsisteni wkoll f'zewg pagni. Minkejja dan, wara li gew maghluqa l-provi tal-appellant u waqt it-trattazzjoni tad-difiza f'din il-kawza

irrizulta li l-affidavit ta' PC 1084 li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti kien jikkonsisti f'erba' pagni u b'hekk il-Ewwel Qorti kellha quddiemha provi ohra li l-appellant ma kienx konsapevoli taghhom. Dan ifisser ghalhekk illi l-appellant ma seta' qatt jirribatti dik il-prova tal-prosekuzzjoni u b'hekk gie mcahhad kemm mid-dritt tieghu tal-kontro-ezami tal-ufficcjal tal-Pulizija u kif ukoll gie mcahhad mid-dritt tieghu li jressaq provi ohra sabiex jirribatti dak li nghad minn PC 1084 fit-tielet u r-raba' pagna tal-affidavit tieghu, li **qatt** ma gew notifikati lill-appellant.

Illi infatti l-ufficcjal prosekutur l-Ispettur Jonathan Ransley, waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza quddiem l-Ewwel Qorti, ikkonferma li t-tielet u r-raba' pagni tal-affidavit ta' PC 1084 gew bi zvista doppjament annessi mat-tahrika li kienet tinsab fil-pussess tal-istess spettur.

3) **Bla pregudizzju ghas-suespost, jinghad ukoll illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex fuq xiex issib htija. In effetti l-provi li ngabu quddiem il-Qorti Inferjuri kienu kontradittorji ghal-ahhar u *se mai* l-Ewwel Qorti kellha tillibera l-appellant a bazi ta' provi konfliggenti.**

Illi preliminarjament jigi rilevat illi l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni ma wasslux sal-grad rikjest mil-ligi ghal sejbien ta' htija. Fil-kamp penali l-oneru tal-prova huwa mixhut fuq il-Prosekuzzjoni li qed takkuza u ghalhekk l-Ewwel Qorti, bhal kull Qorti ohra, kienet fid-dmir li ssib htija tal-imputat jekk il-provi tal-Prosekuzzjoni huma totalment sodisfacenti u li m'ghandux ikollhom l-ebda dubju dwar il-kolpevolezza tal-imputat. L-icken dubju kkawzat f'dawn il-provi prodotti mid-difiza ghandu per forza jmur favur l-imputat. Din hi l-prassi legali, u huwa ghalhekk principju baziku ppratikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi dikjarat hati, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni. Dan il-fatt gie esplorat fid-dettall fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Peter Ebejer, fejn il-Qorti rriteniet li *'dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.'*

L-Ewwel Qorti ma setghet qatt tkun moralment konvinta li f'dan il-kaz l-appellant f'xi hin ghajjar lill-ufficcjali tal-Pulizija bil-kelma *'bastids'*. Mill-affidavit ta' PS 157 jirrizulta li x-xhud Rita Bonello infurmat lill-ufficcjal tal-Pulizija li hi kienet lesta tixhed dak illi semghet lill-appellant jghid fid-data inkriminata izda minkejja dan, filwaqt li l-prosekuzzjoni fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2015 talbet differiment sabiex l-imsemmija Rita Bonello tixhed f'din il-kawza, irrizulta mix-xhieda taghha li l-appellant **fl-ebda hin ma ghajjar jew ingurja lill-ufficcjali tal-Pulizija bil-kelma 'bastids'**.

Illi mill-banda 'l ohra l-appellant cahad b'mod kategoriku li hu qal dan id-diskors lill-ufficcjali tal-Pulizija u fl-istess hin ikkonferma li hu sempliciment staqsa jekk jistax jiehu l-vettura lura gjaladarba kienet ser tinhareg it-tahrika bin-numru B357809.

B'hekk l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta bbazat id-decizjoni taghha fuq prova insufficcjenti u fl-istess waqt skartat kompletament ix-xhieda moghtija mill-appellant waqt is-seduta tal-10 ta' Gunju 2014.

4) **Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk din il-Qorti joghgobha tichad l-aggravji dwar is-sejbien ta' htija, jirrizulta wkoll li ghalkemm il-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet wahda li tirrientra fil-parametri tal-ligi, jinghad li fic-cirkostanzi tal-kaz din hi wahda eccessiva.**

Kif inghad fl-appell kriminali deciz fis-26 ta' Marzu, 2009 minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci,** "*mhux normali li din il-Qorti tal-Appell li tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva. Dan ghax, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri):* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler"*** *[26.2.2009]:- "Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz* <u>*(u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi*</u>

_b'mod partikolari fuq il-piena)._ *(Ara wkoll* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard"*** *[20.3.2009] App. Krim. Superjuri)"*

Huwa minnu wkoll illi l-Prosekuzzjoni tista' targumenta li l-appellant ghazel li ma jirregistrax ammissjoni, pero` huwa daqstant iehor minnu li hadd ma jista' jigi punit ghax jaghzel li jikkontesta l-akkuza dedotta fil-konfront tieghu – partikolarment fil-kaz odjern meta hemm kontestazzjoni serja kif inghad aktar qabel, u tali kontestazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti saret b'mod lejali u korrett - u lanqas hu sew li jkun hemm daqstant avarija enormi bejn min jaghzel li jikkontesta u min jaghzel li jammetti – anke billi skont il-gurisprudenza d-*discount* fil-piena li jinghata lil min jammetti mhux daqstant qawwi daqs id-diskrepanza fil-piena li kien hemm f'dan il-kaz ma' pieni solitament erogati mill-istess Ewwel Qorti.

Illi l-appellant, li hu pensjonant, mhux persuna ta' kondotta kriminali imma persuna b'fedina penali nadifa.

Ikkunsidrat;

Illi l-lanjanza ewlenija imqanqla mill-appellanti hija wahda ta' natura procedurali meta jilmenta illi l-Ewwel Qorti cahhditu milli iressaq ix-xhud David Attard u dan billi dan ix-xhud kien prezenti waqt is-smigh tal-kawza u allura gie applikat fil-konfront tieghu l-provvediment ta'l-artikolu 641 tal-Kodici Kriminali.

Fid-dawl ta' dan l-aggravvju din il-Qorti kellha necessarjament tqies jekk f'dan il-kaz kenux jikkonkorru dawk ic-cirkostanzi specjali li setghu iwasslu lill-Ewwel Qorti titbieghed minn din ir-regola u dan kif hemm dispost fl-istess disposizzjoni tal-ligi iccitata mill-appellanti. Skont it-tezi tad-difiza dan ix-xhud David Attard, iben l-appellanti kien prezenti matul id-divverbju li qam bejn l-appellanti u l-pulizija meta dawn ta'l-ahhar taw ordni biex il-vettura tieghu, li kienet qed tostakola d-dhul ghal garaxx privat tigi irmunkata. Issa dina l-persuna ma hijiex indikata bhala xhud tal-Prosekuzzjoni u lanqas hija imnizzla fil-PIRS report tal-pulizija ghalkemm hemm

indikat illi kien hemm prezenti ukoll "an unknown male" li indirizzahom u qalilhom li kien ser ikellem lill-Kummissarju tal-Pulizija personalment fir-rigward tal-kaz.

Illi din il-Qorti ukoll semghet lil David Attard jixhed limitatament fir-rigward ta' dan l-aggravvju u jirrizulta illi huwa qatt ma ircieva xi tahrika biex jitla' jixhed fil-kawza. Huwa ighid li dak in-nhar telgha l-Qorti biex jakkompanja lil missieru u meta isejjhet il-kawza huwa dahal fl-awla flimkien ma' missieru. Fl-ebda hin ma jidher li gie indikat lilu li kien ser jixhed la mil-prosekuzzjoni u lanqas mid-difiza stess. Kien biss wara li inghalaq is-smigh tal-provi tal-Prosekuzzjoni u wara li xehed l-imputat fejn id-difiza iddikjarat li xtaqet ittella' lil David Attard bhala xhud. Illi allura esposti dawn il-fatti ma jidhirx illi f'dan il-kaz jezistu dawk ic-cirkostanzi specjali li titkellem dwarhom il-ligi billi l-appellanti kellu interess jara illi x-xhieda tieghu ma ikunux prezenti tul is-smigh kollu tal-kawza jekk huwa xtaqhom jiddeponu favur tieghu u allura kien bi traskuragni tieghu stess u mhux minhabba xi raguni specjali illi ix-xhud gie rez inammissibbli fit-termini ta'l-artikolu 641.

Illi bl-istess mod l-appellanti naqas huwa stess meta ma gibidx l-attenzjoni tal-Qorti tempestivament bil-fatt illi l-affidavit ta' PC1084 li gie notifikat lilu ma kienx komplut izda kellu xi faccati neqsin. Hawnhekk ukoll jidher mil-verbal tas-seduta tal-25 ta' Frar 2016 illi kien biss fl-ahhar stadju tal-kawza meta s-smigh tal-provi kienu maghluqa u meta allura anke id-difiza kienet iddikjarat li ma kellhiex provi ohra xi tressaq illi huwa gibed l-attenzjoni tal-Qorti ghal dan in-nuqqas. Illi huwa indubitat illi l-atti tal-kawza kienu ghad-disposizzjoni ta'l-appellanti sa mil-ewwel smiegh tal-kawza fl-10 ta' Dicembru 2015. Fil-fatt fil-verbal ta' dik is-seduta, l-appellanti gie notifikat formalment bl-akkuza u bid-dokumenti annessi maghha. Illi allura dan ifisser illi n-notifika lilu maghmula kienet wahda regolari fejn fl-ebda hin ma gie sollevat minnu dan in-nuqqas fin-notifika lilu maghmula ta'l-affidavit ta' PC1084. Illi di piu' tul il-kors tas-smiegh tal-kawza, l-appellanti fl-ebda hin ma talab li jittellghu il-pulizija b'mod specjali il-PC1084 sabiex jixhdu in kontro-ezami u dan meta allura jidher illi l-affidavit tax-xhieda li kellu f'idejh ghalih ma kienx komplut.

Illi esposti dawn il-fatti li johorgu mil-atti processwali, ma jirrizultawx ghal din il-Qorti l-estremi tal-vjolazzjoni tad-dritt ta'l-appellanti ghal smigh xieraq meta jidher illi huwa kellu difiza adegwata, gie notifikat b'mod regolari bl-atti u id-dokumenti, l-atti kollha tal-kawza kienu ghad-disposizzjoni tieghu u meta kellu kull opportunita li ixejjen il-provi tal-prosekuzzjoni billi jaghmel il-kontro-ezami tax-xhieda imressqa, haga li ma dehrlux madanakollu li kellu jaghmel. Di piu' l-appellanti, lanqas tul is-smigh ta' dan l-appell ma ressaq provi illi l-affidavit innotifikat lilu ma kienx komplut. Kwindi anke dan l-aggravvju qed jigi rigettat.

Illi sorvolati dawn il-lanjazni ta' natura procedurali, jifdal biex jigu trattati l-aggravvji fil-mertu b'dik ewlenija tattakka l-apprezzament tal-provi maghmula mil-Ewwel Qorti fejn inghatat piz lix-xhieda tal-prosekuzzjoni.

Illi "kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi[1]."

Issa l-appellanti qieghed jigi imputat lilu r-reat mahsub fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali u dan meta allegatament qal kelma ingurjuza fil-konfront tal-ufficjali tal-pulizija li kienu qed jiehdu hsieb l-irmunkar tal-vettura tieghu li kienet ipparkeggjata quddiem garaxx u fuq *double yellow line*. L-appellanti dana jichdu, jichad li hu kien irrabbjat minhabba f'dan il-fatt u li anke qal xi kliem ingurjuz jew ta' tehddid fil-konfront tal-pulizija.

(Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002] u ohrajn)

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja, it-theddid jew l-offiza fil-konfront ta'l-ufficjal pubbliku. Issa din l-ingurja, theddida jew offiza trid issir jew (1)filwaqt illi l-ufficjal pubbliku ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2)jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3)jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-oltragg fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta dan l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja, it-theddida jew l-offiza tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:
"*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre*."

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat *nexus* bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika billi l-att materjali ma ikunx gie kommess filwaqt tal-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi huwa indubitat f'dan il-kaz illi l-appellanti kien urtat minhabba l-fatt illi l-pulizija riedu jipprocedu bl-irmunkar tal-vettura tieghu ghalkemm huwa kien wasal fuq il-post. Il-pulizija bdew jargumetaw mieghu illi ma setghux iwaqqfu dina l-azzjoni mehuda minn naha taghhom billi l-vettura kienet diga itellghet fuq it-*tow truck* u kienet ser tinsaq minn fuq il-post. L-appellanti xortawahda dehrlu illi l-agir tal-pulizija kien wiehed esagerat fil-konfront tieghu tant illi beda jipprotesta dwar dan il-fatt fejn il-pulizija gharrfuh illi jekk ried jaghmel xi ilment setgha jindirizzah lill-Kummissarju tal-Pulizija fejn hawnhekk jidher illi iben l-appellanti qalilhom li kien ser imur ikellmu personalment. L-appellanti madanakollu konvenjentement fix-

xhieda tieghu ma isemmiex illi indirizza lil pulizija b'mod ingurjuz f'dan l-iskontru. Iz-zewg pulizija involuti u cioe' kemm il-PS 157 kif ukoll il-PC1084 jindikaw illi huwa indirizzahom bil-kelma "bastid" li ghalkemm illum il-gurnata it-tifsira ta' din il-kelma ma ghadha tammonta ghall-ebda insult jew disprezz, madanakollu fil-kuntest li fiha saret riedet tfisser illi l-persuna lilha indirizzata kienet sgradevoli, kattiva, kiesha u antipatika. Illi inoltre ghalkemm l-uniku xhud okulari Rita Bonello tghid illi semghet lill-appellanti jghid lill-pulizija li "tibzax halli f'idi issa insibek", kliem li l-pulizija ma jindikawx li sar, madanakollu huwa indubitat illi l-appellanti kien qed jipprotesta ghall-agir taghhom u anke sar diskors li kien ser jirrappurthom lis-superjuri taghhom, oltre ghal fatt illi x-xhud tistqarr illi l-appellanti indirizza xi diskors iehor fil-konfront tal-pulizija li hija madanakollu ma setatx tifhem mill-post fejn kienet tinsab.

Maghdud dan allura dina l-Qorti tara li ma hemm l-ebda motiv li jista' iwassalha tiddisturba l-apprezzament maghmul mil-Ewwel Qorti u mismugha x-xhieda kollha mil-gdid, din il-Qorti tqies illi l-konkluzjonijiet raggunti fid-decizjoni impunjata kienu legalment u ragjonevolment validi.

Finalment anke fir-rigward tal-piena inflitta mil-Ewwel Qorti, din il-Qorti tqies illi tali piena taqa' sew fil-parametri tal-ligi, anzi tqies illi din hija miti tenut kont li inghatat fil-minimu possibbli bl-applikazzjoni ukoll ta' piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata.

(FT)Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur